European Commission



# DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

## Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għall-pjan strateġiku għall-PAK għal Malta

## SDW (2020) 387 final

Li jakkumpanja d-dokument

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILLKUMITAT TAR-REĠJUNI

**Rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri fir-rigward tal-pjan strateġiku tagħhom għallPolitika Agrikoli Komuni COM (2020) 846**

*Agriculture and Rural Development*

## Werrej


RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-PJAN STRATEĠIKU TAL-PAK TA' MALTA ..... 2

1.1 Trawwim ta' settur agrikolu intelliġenti, reżiljenti u diversifikat li jiżgura s-sigurtà tal-ikel ..... 3

1.2 Tisħiħ tal-ħarsien ambjentali u tal-azzjoni klimatika u l-kontribut lejn l-objettivi tal-Unjoni relatati mal-ambjent u mal-klima ..... 3

1.3 Tisħiħ tan-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali u l-indirizzar tat-tħassib għas-soċjetà ..... 4

1.4 Modernizzazzjoni tas-settur billi jitrawwem u jiġu kondiviżi l-għarfien, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, u jitħeġġeġ l-użu tagħhom ..... 5

1.5 RAKKOMANDAZZJONIJIET ..... 6

ANALIŻI TAL-AGRIKOLTURA U TAL-IŻVILUPP RURALI F'MALTA ..... 8

2.1 Appoġġ għall-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli u r-reżiljenza tagħhom fl-UE kollha biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-ikel ..... 9

2.2 Tisħiħ tal-orjentazzjoni tas-suq u żieda fil-kompetittività inkluż permezz ta' aktar enfasi fuq ir-riċerka, it-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni ..... 10

2.3 Titjib tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur ..... 12

2.4 Kontribut għall-mitigazzjoni u għall-adattament għat-tibdil fil-klima, kif ukoll għall-enerġija sostenibbli ..... 13

2.5 Trawwim tal-iżvilupp sostenibbli u tal-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja ..... 15

2.6 Kontribut għall-ħarsien tal-bijodiversità, tisħiħ tas-servizzi tal-ekosistema u preservazzjoni tal-ħabitats u l-pajsaġġi ..... 17

2.7 Attrazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ u ffaċilitar tal-iżvilupp tan-negozju fiż-żoni rurali ..... 20

2.8 Promozzjoni tal-impjiegi, tat-tkabbir, tal-inklużjoni soċjali u tal-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, inkluż il-bijoekonomija u l-forestrija sostenibbli ..... 21

2.9 Titjib tar-rispons tal-agrikoltura tal-UE għad-domandi tas-soċjetà għall-ikel u għas-saħħa, inkluż ikel sikur, nutrittiv u sostenibbli, kif ukoll il-benessri tal-annimali ..... 22

2.10 Objettiv trażversali dwar l-għarfien, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni ..... 25

# 1 RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-PJAN STRATEĠIKU TAL-PAK TA' MALTA

Fil-qafas tad-djalogu strutturat għat-tħejjija tal-pjan strateġiku tal-politika agrikola komuni (PAK), dan id-dokument fih ir-rakkomandazzjonijiet għall-pjan strateġiku tal-PAK ta' Malta. Ir-rakkomandazzjonijiet huma bbażati fuq analiżi tas-sitwazzjoni attwali, tal-ħtiġijiet u tal-prijoritajiet għall-agrikoltura u għaż-żoni rurali f'Malta. Ir-rakkomandazzjonijiet jindirizzaw l-objettivi ekonomiċi, ambjentali u soċjali speċifiċi tal-Politika Agrikola Komuni li jmiss u b'mod partikolari l-ambizzjoni u l-miri speċifiċi tal-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u tal-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030. Kif iddikjarat fl-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt", il-Kummissjoni tistieden lil Malta, fil-Pjan Strateġiku tagħha tal-PAK, biex tistabbilixxi valuri nazzjonali espliċiti għall-miri tal-Patt Ekoloġiku[1], filwaqt li tqis is-sitwazzjoni speċifika tagħha u dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

---

1 Dan jirrigwarda l-miri relatati mal-użu u mar-riskju tal-pestiċidi, mal-bejgħ ta' antimikrobiċi, mat-telf tan-nutrijenti, maż-żona soġġetta għal biedja organika, mal-karatteristiċi tal-pajsaġġ b'diversità kbira u mal-aċċess għal internet broadband veloċi.

## 1.1 Trawwim ta' settur agrikolu intelliġenti, reżiljenti u diversifikat li jiżgura s-sigurtà tal-ikel

Is-settur agrikolu Malti huwa kkaratterizzat minn azjendi agrikoli żgħar u mikro bi rqajja' frammentati, li jagħmilha diffiċli biex jinkisbu ekonomiji ta' skala u biex ikunu kompetittivi fis-suq internazzjonali. Barra minn hekk, minħabba l-karatteristiċi ta' Malta bħala gżira, l-art agrikola limitata u n-nuqqas ta' riżorsi naturali, Malta tiddependi fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra (speċjalment għall-għalf), u b'hekk ikomplu jiżdiedu l-kostijiet tal-produzzjoni. Ix-xejriet 'l isfel fl-introjtu agrikolu għal kull ħaddiem u fil-produttività tas-settur agrikolu wara s-sħubija fl-Unjoni Ewropea fl-2004 juru kemm huwa diffiċli għall-bdiewa Maltin li jikkompetu fis-suq internazzjonali. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni fis-settur agrikolu ta' Malta hija batuta, b'sehem baxx ħafna ta' valur miżjud li jmur lejn is-settur tal-biedja. Barra minn hekk, sabiex titrawwem ir-reżiljenza tal-agrikoltura (pereżempju kontra avvenimenti estremi tat-temp marbuta mat-tibdil fil-klima), Malta jenħtieġ li tibbaża fuq għodod għall-ġestjoni tar-riskju u tipprova ssolvi l-kwistjonijiet speċifiċi li żammewha milli tattiva dawn l-għodod fl-aħħar perjodu ta' programmazzjoni.

Aktar milli jikkompeti fuq il-bażi tal-prezz, is-settur tal-biedja f'Malta jenħtieġ li jiffoka aktar fuq iż-żieda tal-valur għall-prodotti agrikoli u jorjenta ruħu lejn il-produzzjoni għal swieq niċċa. B'dan il-mod, ikun jista' jitlob prezzijiet primjum għall-prodotti tiegħu u jsir settur aktar sostenibbli. L-użu tat-tikketti ta' kwalità tal-UE, bħad-denominazzjoni ta' oriġini protetta u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, jista' jgħin lil Malta ttejjeb il-kummerċjalizzazzjoni u l-immarkar tal-prodotti tagħha u eventwalment iżżid l-introjtu tagħha tal-azjendi agrikoli. Biex titnaqqas id-dipendenza ta' Malta fuq l-importazzjoni tal-foraġġ għall-produzzjoni tal-bhejjem, is-settur jenħtieġ li jesplora t-tkabbir ta' għelejjel li fihom il-proteini u l-foraġġ għall-għalf tal-annimali; b'dan il-mod jitnaqqsu wkoll il-kostijiet tal-produzzjoni.

Il-kollaborazzjoni fost il-bdiewa jenħtieġ li tiġi stimulata biex titjieb il-kondiviżjoni tal-għarfien, jitnaqqsu l-kostijiet tal-produzzjoni u tinkiseb aktar setgħa ta' negozjar billi jingħabru flimkien ir-riżorsi u l-prodotti jitqiegħdu fis-suq flimkien, b'mod partikolari għas-settur tal-frott u l-ħxejjex. Il-promozzjoni tal-iskambju tal-għarfien, tas-servizzi ta' konsulenza, tal-innovazzjoni u tal-edukazzjoni hija vitali biex is-settur jimxi lejn aktar kooperazzjoni dwar il-produzzjoni b'valur miżjud u biex jiżdiedu l-effiċjenza u l-produttività tas-settur.

## 1.2 Tisħiħ tal-ħarsien ambjentali u tal-azzjoni klimatika u l-kontribut lejn l-objettivi tal-Unjoni relatati mal-ambjent u mal-klima

Is-settur agrikolu ta' Malta għandu emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra (GHG) għal kull ettaru, li ġejjin prinċipalment mill-bhejjem. Il-pajjiż jenħtieġ li jiffoka fuq il-miżuri u l-investiment biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan mill-fermentazzjoni enterika u mid-demel, f'konformità mal-istrateġija tal-metan. Is-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija (LULUCF) jitfa' aktar diossidu tal-karbonju milli jassorbi, u b'hekk Malta hija waħda mill-ftit Stati Membri fejn dan is-settur huwa sors u mhux bir.

Is-sehem tal-emissjonijiet tal-ammonijaka mill-agrikoltura għadu relattivament għoli u Malta nstabet li qiegħda f'riskju għoli ta' nuqqas ta' konformità mal-impenji tagħha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ammonijaka. Huma ppjanati azzjonijiet biex titreġġa' lura din is-sitwazzjoni.

Il-konsum tal-enerġija tas-settur agrikolu huwa relattivament għoli, u qed ikompli jiżdied. Malta għandha l-potenzjal għall-isfruttament tal-enerġija rinnovabbli fiż-żoni rurali, li jkun jiżgura tranżizzjoni effiċjenti tal-enerġija.

Malta għandha riskju għoli ta' erożjoni tal-ħamrija u qed tiffaċċja sfidi kbar tal-ilma, kemm f'termini tal-kwantità tal-ilma kif ukoll tal-kwalità tal-ilma. F'termini tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (WFD), mhux il-korpi kollha tal-ilma ta' Malta għadhom fi stat tajjeb u l-agrikoltura hija identifikata bħala l-aktar pressjoni sinifikanti. Din is-sitwazzjoni tista' tkompli tmur għall-agħar bit-tnaqqis tal-preċipitazzjoni, biż-żieda fir-riskju

ta' nixfiet u bis-sħana estrema. It-tibdil fil-klima se jkompli jaggrava dawn ir-riskji, u s-settur agrikolu se jkun partikolarment vulnerabbli għall-impatti tiegħu. Il-produzzjoni tal-bhejjem tista' wkoll issir dejjem aktar diffiċli, bi stress mis-sħana fuq l-annimali u l-falliment tat-tkabbir tal-uċuħ tar-raba' tal-foraġġ. Żieda fid-domanda għall-ilma għat-tisqija tista' twassal għal kompetizzjoni ma' setturi oħrajn. B'reazzjoni għal dan, jenħtieġ li jiġi esplorat investiment immirat f'sistemi aktar ekoloġiċi u adattivi, kif ukoll biedja li tuża anqas ilma.

Is-sitwazzjoni partikolari ta' Malta u l-kundizzjonijiet ħżiena tagħha tal-ħamrija jikkostitwixxu ostakli reali biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' bijodiversità u biex jiġu ppreżervati l-ħabitats u l-pajsaġġ. Madankollu, il-potenzjal tas-settur agrikolu li jgħin fiż-żamma u fit-titjib tal-bijodiversità mhuwiex sfruttat bis-sħiħ. Iż-żamma tal-karatteristiċi tal-pajsaġġi u tal-iskemi volontarji, li jindirizzaw ġestjoni mtejba ta' dawk l-elementi, jistgħu jikkontribwixxu lejn dan. Barra minn hekk, il-pjan strateġiku ta' Malta jista' jikkontribwixxi wkoll għall-infurzar tad-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats billi jappoġġa l-finanzjament ta' miżuri għall-ġestjoni tas-siti ta' Natura 2000, kif ukoll ta' miżuri ta' benefiċċju għall-ispeċijiet u għall-ħabitats li juru xejriet li qed jonqsu. Il-pjan jenħtieġ li jqis ukoll il-qafas ta' azzjoni prijoritizzata (PAF) għal Malta, li jistabbilixxi l-prijoritajiet u l-ħtiġijiet finanzjarji ewlenin għall-implimentazzjoni tan-network Natura 2000.

Għalkemm il-foresti ma għandhom l-ebda sinifikat ekonomiku f'Malta, għadhom importanti f'termini ta' benefiċċji ambjentali u soċjali.

## 1.3 Tisħiħ tan-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali u l-indirizzar tat-tħassib għas-soċjetà

In-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali ta' Malta hija mhedda minn diversi fatturi, inkluż popolazzjoni tal-biedja li qed tixjieħ u numru dejjem jonqos ta' bdiewa nisa u żgħażagħ reġistrati. Barra minn hekk, ambjent kummerċjali diffiċli jagħmel lis-settur wieħed mhux attraenti. Fil-fatt, il-kontribut tas-settur primarju għall-valur miżjud gross (GVA) qed jonqos hekk kif l-introjtu tal-azjendi agrikoli qed isir aktar irregolari. L-investiment kapitali fl-innovazzjoni agrikola u t-taħriġ fil-ħiliet diġitali huwa limitat ħafna.

Il-konċentrazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi, tas-servizzi bażiċi, u tal-opportunitajiet ta' xogħol ta' kwalità fiċ-ċentri urbani tirriżulta f'ivvjaġġar intensiv lejn ix-xogħol u lura u toħloq żbilanċ territorjali, li għandu impatt negattiv kemm fuq iż-żoni urbani kif ukoll fuq dawk rurali, kif ukoll fuq l-ambjent. Għalkemm Malta kollha hija koperta mill-broadband tal-ġenerazzjoni li jmiss, 50 % tal-popolazzjoni rurali tagħha biss kellha ħiliet diġitali bażiċi jew ogħla fl-2019. Iż-żoni naturali huma mhedda kemm mit-tifrix urban kif ukoll mit-tibdil fil-klima. It-tranżizzjoni lejn agrikoltura ekoloġika u moderna hija opportunità biex tiġi indirizzata l-isfida tat-tiġdid ġenerazzjonali, filwaqt li d-diversifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi u tal-investimenti f'dan il-qasam tirrappreżenta opportunitajiet mhux sfruttati għall-bdiewa Maltin.

Barra minn hekk, jenħtieġ li Malta tikkunsidra bir-reqqa l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali sabiex jintlaħqu l-objettivi dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jitneħħew id-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi, fil-pagi, fil-pensjonijiet, fil-kura u fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

B'mod ġenerali, l-iżgurar tal-ħarsien tal-ħaddiema agrikoli, speċjalment dawk prekarji, staġjonali u mhux iddikjarati, se jkollu rwol ewlieni fl-iżgurar tar-rispett tad-drittijiet imnaqqxa fil-leġiżlazzjoni. Dan huwa element essenzjali tas-sistema tal-ikel ġusta tal-UE prevista taħt l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt".

Hemm dgħufijiet ċari fil-kapaċità ta' Malta li tiżgura li l-antimikrobiċi jintużaw b'mod prudenti, fejn il-proċeduri ta' monitoraġġ u l-veterinarji huma nieqsa. Barra minn hekk, jenħtieġ li Malta tagħmel sforzi biex ittejjeb il-benessri tal-annimali u tappoġġa prattiki ta' ġestjoni aktar sostenibbli tal-bhejjem. L-użu tal-pestiċidi naqas b'16 % bejn l-2017 u l-2018, iżda għadhom jeżistu pressjonijiet marbuta mal-użu tal-pestiċidi. Il-pjan ta' azzjoni nazzjonali ta' Malta (NAP) għall-użu sostenibbli tal-pestiċidi ġie infurzat parzjalment biss, speċjalment fir-rigward tal-prinċipju ġenerali għall-ġestjoni integrata tal-pesti u l-kontrolli fuq it-tipi kollha ta' operaturi.

Barra minn hekk, il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel u l-prattiki tar-riċiklaġġ għadhom ma jidhrux li huma stabbiliti sew f'Malta. Id-drawwiet djetetiċi qed jitbiegħdu mid-dieta Mediterranja biex jiffavorixxu ikliet lesti u ikel ipproċessat b'livell għoli ta' zokkor, b'żieda fil-livelli tal-obeżità u tal-piż żejjed fost il-popolazzjoni, inkluż fit-tfal. Jenħtieġ li Malta tagħmel sforz biex tersaq lejn dieti aktar tajbin għas-saħħa u aktar sostenibbli peress li għandha rati għoljin ħafna ta' piż żejjed u ta' obeżità.



## 1.4 Modernizzazzjoni tas-settur billi jitrawwem u jiġu kondiviżi l-għarfien, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, u jitħeġġeġ l-użu tagħhom

L-indirizzar tal-isfidi ekonomiċi, ambjentali u soċjali deskritti fil-paragrafi preċedenti huwa pass essenzjali fit-tranżizzjoni lejn il-produzzjoni sostenibbli tal-ikel, li se jirrikjedi wkoll sforz biex jiddaħħlu teknoloġiji ġodda u innovazzjoni.

Sistema tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS) li taħdem tajjeb jenħtieġ li tiffaċilita fluss effiċjenti ta' għarfien bejn l-atturi biex jirrispondu għall-ħtiġijiet dejjem akbar ta' informazzjoni tal-bdiewa, għall-innovazzjoni aktar rapida u għall-valorizzazzjoni aħjar tal-għarfien eżistenti biex jinkisbu l-objettivi tal-PAK. L-AKIS mhux biss tkopri l-agrikoltura, iżda wkoll attivitajiet rurali oħra relatati mal-pajsaġġ, mal-ambjent, mal-klima, mal-bijodiversità, mas-sistemi tal-ikel u ma' dawk mhux tal-ikel.

Madankollu, l-AKIS Maltija hija frammentata u n-nuqqasijiet tagħha jistgħu jillimitaw il-kapaċità tal-pajjiż li jagħmel tranżizzjoni għal agrikoltura iktar ekoloġika u iktar diġitali prevista mill-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt". Malta pprogrammat 8,2 % tal-pakkett totali tagħha għall-iżvilupp rurali għall-għarfien, għall-pariri u għall-innovazzjoni, iżda s'issa ma ntnefaq l-ebda wieħed mill-fondi pprogrammati. Jenħtieġ li l-kollaborazzjoni tar-riċerkaturi u tal-konsulenti mal-bdiewa tkun stimulata biex jitjieb l-iskambju tal-għarfien u biex ikun hemm enfasi fuq il-kokreazzjoni ta' għarfien dwar il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tal-bdiewa.

Huwa essenzjali li jitjiebu r-rabtiet bejn il-konsulenti pubbliċi u privati, u li jsir investiment fit-taħriġ u fil-ħiliet tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-konsulenti jiġu appoġġati biex jgħinu fil-ġbir ta' ideat innovattivi li jkunu ġejjin min-nies ordinarji kkonċernati u biex dawn l-ideat jiġu żviluppati bl-istabbiliment u bl-implimentazzjoni ta' proġetti ta' innovazzjoni tal-grupp operazzjonali tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (EIP).

## 1.5 RAKKOMANDAZZJONIJIET

Biex tindirizza l-isfidi msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-pjan strateġiku Malti tal-PAK jeħtieġ li jiffoka l-prijoritajiet tiegħu u jikkonċentra l-interventi tiegħu fuq il-punti li ġejjin, filwaqt li jqis b'mod adegwat id-diversità territorjali kbira taż-żoni agrikoli u rurali Maltin:

***Trawwim ta' settur agrikolu intelliġenti, reżiljenti u diversifikat li jiżgura s-sigurtà tal-ikel***

- **Titjib tal-valur miżjud fis-settur agrikolu** billi jiġu appoġġati l-investimenti fit-tnaqqis tal-kostijiet, fil-produzzjoni ta' kwalità – pereżempju permezz ta' skemi ta' kwalità nazzjonali u tal-UE – u fl-iżvilupp ta' swieq niċċa.
- **Tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bidwi fil-katina tal-valur** billi tiġi appoġġata sħubija akbar tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, li twassal għal skambju u kooperazzjoni mtejba tal-għarfien. Jenħtieġ li sseħħ kooperazzjoni mtejba bejn il-bdiewa (b'mod partikolari fis-settur tal-frott u tal-ħxejjex) iżda jenħtieġ li din tinvolvi wkoll lill-bdiewa aktar fl-attivitajiet downstream.

***Tisħiħ tal-ħarsien ambjentali u tal-azzjoni klimatika u li jsir kontribut għall-objettivi tal-Unjoni relatati mal-ambjent u mal-klima***

- **Tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u ż-żieda fit-tneħħija tas-$CO_2$ biex jikkontribwixxu għall-objettiv tan-newtralità klimatika fl-UE sal-2050** billi tingħata spinta lill-adattament għat-tibdil fil-klima u lill-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fl-agrikoltura u fil-forestrija. Dan jista' jintlaħaq: bit-titjib tal-kapaċità kumplessiva tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u t-treġġigħ lura tat-tendenza tal-emissjonijiet mir-raba', bl-appoġġ għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' razez lokali u ta' varjetajiet tal-għelejjel lokali li huma aktar reżiljenti f'kundizzjonijiet aktar nexfin, bil-promozzjoni tal-afforestazzjoni, bit-titjib tal-effiċjenza enerġetika u bit-trawwim tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli.
- **Tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ammonijaka fl-agrikoltura** billi jiġu appoġġati prattiki ta' ġestjoni b'emissjonijiet baxxi u investimenti relatati, inkluż il-biedja ta' preċiżjoni.
- **Twaqqif u treġġigħ lura tat-tnaqqis tar-riżorsi naturali fl-agrikoltura** billi jiġu appoġġati prattiki ta' ġestjoni li jnaqqsu l-erożjoni tal-ħamrija kkawżata mill-ilma, u investimenti f'sistemi produttivi moderni, li jtejbu l-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma u prattiki oħra li jnaqqsu t-telf tan-nutrijenti fl-ilma u fl-arja.
- **Titjib tal-bijodiversità fl-art agrikola u fiż-żoni naturali** permezz tat-trawwim tal-manutenzjoni u l-iżvilupp ta' karatteristiċi ta' pajsaġġ b'diversità kbira u l-appoġġ għal prattiki ta' ġestjoni sostenibbli xieraq – speċjalment fi ħdan approċċi kollettivi – inkluż (iżda mhux limitati għal) biedja organika, f'konformità mal-qafas ta' azzjoni prijoritizzat għall-finanzjament tal-PAK.

***Tisħiħ tan-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali u indirizzar tad-domandi tas-soċjetà***

- **Tisħiħ tal-modernizzazzjoni agrikola u titjib tal-iżvilupp tan-negozju agrikolu biex jiġu attirati bdiewa żgħażagħ** billi jiġu indirizzati l-ostakli għad-dħul fis-settur (jiġifieri l-aċċess għall-art) u jingħata inċentiv għall-użu ta' teknoloġiji intelliġenti, ekoloġiċi u diġitali.
- **Żieda fl-impjiegi u ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja fiż-żoni rurali** permezz ta' investimenti f'attivitajiet ekonomiċi diversi u fl-iżvilupp ta' servizzi bażiċi.
- **Kontribut għall-mira tal-Patt Ekoloġiku tal-UE dwar it-tnaqqis tar-reżistenza għall-antimikrobiċi** billi jiġu stabbiliti sforzi mdaqqsa biex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-użu tal-antimikrobiċi fil-biedja, meta jitqies li ċ-ċifri jindikaw bejgħ ta' antimikrobiċi 'l fuq mill-medja tal-UE. Malta hija mħeġġa tuża l-għodod kollha disponibbli, inkluż l-istrumenti tal-PAK, biex tappoġġa lill-bdiewa pereżempju billi tippromwovi l-aħjar prattiki dwar l-użu mnaqqas u prudenti tal-antimikrobiċi, flimkien ma' ġestjoni mtejba tal-bhejjem, tal-bijosigurtà, tal-prevenzjoni u tal-kontroll tal-infezzjonijiet.

- **Titjib tal-benessri tal-annimali** billi jiġu appoġġati, fost l-oħrajn, prattiki aktar sostenibbli ta' ġestjoni tal-bhejjem.
- **Kontribut għall-mira tal-Patt Ekoloġiku tal-UE dwar it-tnaqqis tar-riskju u l-użu tal-pestiċidi** billi jiġi appoġġat użu aktar baxx u użu ta' pestiċidi inqas perikolużi, permezz ta' skemi li jrawmu bidla għal prattiki ta' biedja sostenibbli, inkluż prattiki ta' ġestjoni integrata tal-pesti.

***Trawwim u kondiviżjoni tal-għarfien, tal-innovazzjoni u tad-diġitalizzazzjoni fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali, u tħeġġiġ tal-użu tagħhom***

- **Appoġġ u żgurar tal-adozzjoni ta' diversi azzjonijiet tal-AKIS**, inkluż l-integrazzjoni tal-konsulenti (it-tisħiħ tar-rabta bejn il-komunità agrikola, il-konsulenti u r-riċerkaturi), promozzjoni tal-kollaborazzjoni u t-tagħlim, żgurar li jkun hemm disponibbli servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni fil-ġbir ta' ideat innovattivi fil-livell lokali.
- **Taħriġ tal-bdiewa dwar kif għandhom jaċċessaw u jużaw teknoloġiji diġitali intelliġenti u kapaċitajiet ta' innovazzjoni**, filwaqt li tiġi appoġġata d-dispożizzjoni ta' *data* rilevanti biex tiżdied l-effettività tat-teknoloġiji diġitali u l-produttività u s-sostenibbiltà**.**

# 2 ANALIŻI TAL-AGRIKOLTURA U TAL-IŻVILUPP RURALI F'MALTA

Malta hija l-iżgħar membru tal-Unjoni Ewropea u dak bl-ogħla densità tal-popolazzjoni. Flimkien mal-iskarsezza tar-riżorsi naturali u l-limitazzjonijiet territorjali speċifiċi, dawn il-karatteristiċi għandhom impatt importanti fuq is-settur agrikolu. Il-pajjiż jiddependi fuq l-importazzjoni għal ħafna prodotti agrikoli. Is-settur huwa kkaratterizzat minn azjendi agrikoli żgħar u mikro b'daqs medju ta' 1 ettaru, b'livell baxx ta' kompetittività u ta' produttività. Il-kompetittività u l-produttività x'aktarx se jkunu mxekkla wkoll mit-tibdil fil-klima, u dan jista' jkollu riperkussjonijiet importanti fuq ir-riżorsi naturali, li diġà huma skarsi.

It-tifrix urban u ż-żieda fil-popolazzjoni għandhom impatti fuq l-isfruttament tar-riżorsi naturali u fuq il-ħarsien tal-bijodiversità u tal-pajsaġġi naturali.

Iż-żoni rurali huma marbuta mill-qrib ma' dawk urbani u jgħoddu għal 13 % tat-territorju. Fiż-żoni rurali hemm kundizzjonijiet soċjali-ekonomiċi differenti. Il-broadband tal-ġenerazzjoni li jmiss ikopri t-territorju kollu.

F'dan il-kuntest, il-fondi tal-PAK huma kruċjali biex tittejjeb is-sitwazzjoni attwali bit-titjib tal-produzzjoni ta' prodotti ta' kwalità, bit-tisħiħ tal-introjtu tal-bdiewa, bit-trawwim ta' azzjonijiet kooperattivi, bis-sostenn tal-bijodiversità u tal-ħarsien taż-żoni naturali u bl-adozzjoni ta' tekniki u teknoloġiji agrikoli avvanzati.

## 2.1 Appoġġ għall-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli u r-reżiljenza tagħhom fl-UE kollha biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-ikel

Is-settur agrikolu Malti għandu xi karatteristiċi partikolari b'azjendi agrikoli żgħar ħafna u mikro, minħabba l-istruttura frammentata tal-art tiegħu, u bosta bdiewa part-time/rikreattivi (b'madwar 30 % tal-azjendi agrikoli jikkunsmaw aktar minn 50 % tal-produzzjoni huma nfushom). Malta għandha 15 420 persuna[1] li jaħdmu fis-settur agrikolu f'9 210 azjendi agrikoli[2], ugwali għal madwar 5 340 f'ekwivalenti ta' impjiegi full-time. Biex tintwera l-importanza tal-bdiewa part-time, 70 % tal-persuni li jaħdmu fl-agrikoltura jaħdmu inqas minn 25 % f'ekwivalenti ta' impjieg full-time, filwaqt li madwar 1 350 azjenda agrikola jaħdmu iktar jew ekwivalenti ta' impjieg full-time[3]. Barra minn hekk, madwar 5 000 azjenda agrikola Maltija għandhom produzzjoni ta' inqas minn EUR 2 000 fi produzzjoni standard, u għalhekk huma meqjusin żgħar ħafna[4]. Fl-2018, 5 070 bidwi rċevew pagamenti diretti, daqs 55 % tal-popolazzjoni agrikola[5]. L-ammont ta' bdiewa rreġistrati huwa għalhekk għoli, iżda l-popolazzjoni ta' bdiewa li professjonalment tipproduċi ikel għall-gżira Maltija u lil hinn minnha hija limitata. Dan għandu effett fuq il-possibbiltà ta' benefiċċju minn ekonomiji ta' skala u għalhekk jaffettwa l-pożizzjoni tal-introjtu tal-bdiewa Maltin.

L-iżvilupp tal-pożizzjoni tal-introjtu f'Malta mhuwiex favorevoli meta titqies it-tendenza fl-introjtu tal-fattur agrikolu għal kull ħaddiem, kif jidher fil-graff ta' hawn taħt, u l-introjtu totali intraprenditorjali fis-settur. L-introjtu tal-fattur agrikolu għal kull ħaddiem naqas maż-żmien minn madwar EUR 14 500 fl-2005 għal EUR 11 100 fl-2018, filwaqt li x-xejra tal-introjtu fl-UE hija pożittiva. Barra minn hekk, l-attraenza tal-ħidma fis-settur agrikolu tonqos hekk kif l-introjtu agrikolu naqas għal madwar 50 % tal-introjtu medju f'Malta fl-2018. Spjegazzjoni importanti hija ż-żieda fix-xogħol fis-settur agrikolu (bi 23 % bejn l-2005 u l-2017). It-tnaqqis kontinwu fil-bhejjem (speċjalment fil-ħnieżer iżda wkoll fil-bhejjem tal-ifrat) b'35 % bejn l-2007 u l-2016 naqqas il-produzzjoni totali (tal-annimali), u dan jimxi id f'id ma' sostituzzjoni għal produzzjoni li tirrikjedi ħafna ħaddiema f'Malta bħall-ortikultura u l-produzzjoni tal-frott, li probabbilment tispjega din it-tendenza.

Is-sussidji totali (kemm il-pagamenti diretti kif ukoll l-iżvilupp rurali) jammontaw, bħala medja, għal 18 %[6] tal-introjtu tal-fattur tas-settur għall-azjendi agrikoli Maltin bejn l-2013 u l-2017 (li fosthom madwar 10 % huma għall-pagamenti diretti). Madankollu, dawn ir-rati ta' appoġġ huma ogħla għall-farms tal-bhejjem tal-ifrat u għall-imħaleb, bil-pagament dirett rċevut għal kull ettaru li hu b'mod sinifikanti ogħla għall-imħaleb u għall-bdiewa tal-prodotti tal-ħalib b'azjendi agrikoli ta' daqs ikbar. Dawn l-ishma ogħla huma parzjalment spjegati mill-implimentazzjoni attwali ta' appoġġ akkoppjat volontarju għall-ħalib u għaċ-ċanga (li flimkien jirċievu madwar EUR 2 miljuni jew xi ftit inqas minn 20 % tal-pakkett ta' pagament dirett annwali), apparti dak għan-nagħaġ u għall-produzzjoni tat-tadam użat għall-*Kunserva*. L-industrija tal-ħalib u tat-tadam tifforma l-aktar setturi importanti f'Malta f'termini ta' output tal-produzzjoni agrikola, bil-produzzjoni taċ-ċanga bħala l-estensjoni tas-settur tal-ħalib. Il-produzzjoni tat-tadam hija waħda mill-aktar għelejjel importanti meta titqies l-industrija tal-ipproċessar marbuta magħha u l-impjiegi li tipprovdi fil-gżira.

-insularità ta' Malta flimkien mad-dipendenza tagħha fuq l-għalf mixtri għas-settur tal-bhejjem, tagħmel lill-bdiewa Maltin li jrabbu l-bhejjem aktar sensittivi għall-fluttwazzjonijiet tal-prezzijiet esterni. Għalkemm il-kundizzjonijiet klimatiċi huma favorevoli għal staġuni ta' tkabbir twal, Malta għandha riskji ta' rendiment ogħla mill-medja tal-UE għall-produzzjoni tal-għelejjel, tal-ħalib u tal-bajd marbuta mad-dipendenza tagħha fuq ix-xita[7]. Sabiex jittaffew ir-riskji mis-suq, l-istrumenti tal-ġestjoni tar-riskju jistgħu jipprovdu soluzzjoni. Madankollu, id-daqs/is-settur żgħir tal-azjendi agrikoli u n-nuqqas ta' għarfien jiffurmaw ostakli għall-azjendi agrikoli Maltin biex jimplimentaw jew jużaw strumenti li jiffunzjonaw tajjeb. Pereżempju, bħalissa f'Malta ma teżisti l-ebda assigurazzjoni jew fond mutwu rilevanti għall-bhejjem. Miżuri bħal dawn ġew inklużi fil-PŻR 2014-2020 iżda minħabba n-nuqqas ta' għarfien espert lokali fl-iskemi tal-assigurazzjoni agrikoli u n-nuqqas ta' *data* storika (prinċipalment kwantifikazzjoni tad-danni), din il-miżura qatt ma ġiet

attivata. Sistemi ta' konsulenza aħjar għall-bdiewa u kooperazzjoni akbar bejn il-bdiewa jistgħu jkunu possibbiltà li dawn l-għodod isiru aktar attraenti.




**Sors:** Id-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali. *Indikatur tal-kuntest tal-PAK C.25 Introjtu tal-fattur agrikolu u l-indikatur tal-kuntest tal-PAK C.26 Introjtu intraprenditorjali agrikolu.* Introjtu bbażat fuq l-EUROSTAT [aact_eaa04], [aact_ali01] u [aact_eaa06], wara li jerġa' jiġi miżjud il-kumpens tal-impjegati għall-introjtu intraprenditorjali u dan jiġi diviż bin-numru totali ta' unitajiet tax-xogħol annwali. Nota: *data* stmata għall-2019. Il-Paga medja fl-ekonomija bbażata fuq il-EUROSTAT [nama_10_a10_e] eluf ta' sigħat ta' xogħol bl-użu tal-kunċett domestiku tal-impjegati u [nama_10_a10], partita tal-pagi u s-salarji.

## 2.2 Tisħiħ tal-orjentazzjoni tas-suq u żieda fil-kompetittività inkluż permezz ta' aktar enfasi fuq ir-riċerka, it-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni

L-istruttura tas-settur agrikolu Malti u l-karatteristiċi insulari tiegħu jirriżultaw f'restrizzjonijiet fiżiċi u strutturali speċifiċi li jxekklu l-kompetittività tiegħu meta mqabbel ma' pajjiżi Ewropej oħrajn. Minħabba li Malta hija gżira żgħira, b'popolazzjoni densa b'art agrikola relattivament żgħira, hija dipendenti fuq l-importazzjonijiet tal-inputs, b'mod partikolari l-għalf għall-industrija tal-ħalib. Barra minn hekk, il-biedja fuq skala żgħira tillimita s-setgħa tan-negozjar. Barra minn hekk, il-frammentazzjoni tal-irqajja' ta' art agrikola, flimkien ma' liġi tas-suċċessjoni mhux favorevoli3, ma tippermettix li jiġu ġġenerati biżżejjed ekonomiji ta' skala.

Setturi agrikoli differenti jħabbtu wiċċhom ma' problemi bil-kompetittività tagħhom. Pereżempju, minħabba l-iskarsezza tal-art u d-daqsijiet żgħar tal-azjendi agrikoli, diversi prodotti bħall-inbid u l-bajd ma jistgħux jikkompetu fil-kwantità. Minħabba nuqqas ta' xita suffiċjenti u affidabbli m'hemm l-ebda mergħa għar-ragħa, hemm nuqqas ta' għelejjel tal-foraġġ ta' kwalità għolja u nuqqas ta' ċereali prodotti fil-gżejjer3. Peress li l-industrija tal-bhejjem tal-ifrat hija espansjoni tas-settur tal-ħalib, il-Holstein Frisian mhumiex kompetittivi daqs razez oħrajn tal-bhejjem tal-ifrat taċ-ċanga. Aktar importanti minn hekk, minħabba l-iskarsezza tal-art, il-bhejjem jibqgħu ġewwa: żieda fl-ispejjeż tal-akkomodazzjoni, tal-għalf u tal-enerġija. Il-produtturi tal-majjal kienu meħtieġa jirristrutturaw u jinvestu ladarba s-suq infetaħ wara l-adeżjoni fl-UE sabiex jikkonformaw mal-istandards tal-UE, iżda tilfu s-sehem mis-suq waqt li kienu fi tranżizzjoni u l-profittabbiltà f'dan is-settur għebet. Fir-rigward tan-nagħaġ u tal-mogħoż, is-settur huwa frammentat b'ħafna merħliet żgħar. Il-merħla tal-produzzjoni u totali qed tonqos filwaqt li l-popolazzjoni agrikola qed tixjieħ u ma huwa qiegħed isir l-ebda investiment.

Minħabba l-kundizzjonijiet ta' produzzjoni mhux favorevoli meta mqabbla ma' pajjiżi Ewropej oħrajn, bosta mill-prodotti agrikoli huma prodotti għall-konsum domestiku, għajr għal xi ħxejjex (l-aktar fil-forma ta' kunserva tat-tadam) u patata tar-rebbiegħa. Il-ħtieġa li jiġu importati prodotti agrikoli hija riflessa wkoll fil-bilanċ agroalimentari, li huwa negattiv ħafna u li qed jonqos saħansitra aktar maż-żmien. Madwar terz tal-prodotti agroalimentari jiġu importati mill-Italja, li hija l-oriġini l-aktar importanti tal-kummerċ agroalimentari. Madankollu, meta wieħed iqis il-bilanċ kummerċjali agroalimentari ma' Stati Membri mhux tal-UE, il-bilanċ huwa kemxejn negattiv, bil-Lvant Nofsani bħala d-destinazzjoni ewlenija (jammonta għal 25 % tat-total tal-esportazzjonijiet agroalimentari, u l-UAE u l-Arabja Sawdija bħala l-aktar pajjiżi importanti).

Minbarra kompetittività mhux favorevoli li teħtieġ spinta, il-produttività tas-settur ukoll teħtieġ titjib. Il-produttività totali tal-fatturi, li tirrifletti l-proporzjonijiet tal-input u tal-output qed tonqos maż-żmien f'Malta wara l-adeżjoni tagħha mal-UE fl-2004. Il-komponenti kollha tal-produttività tal-fatturi segwew xejra 'l isfel bejn l-2005 u l-2018 kif indikat fil-graff ta' hawn taħt. Diversi fatturi jispjegaw din ix-xejra. Min-naħa tal-perspettiva tal-output, kif indikat fit-taqsima 2.1, l-output totali tal-annimali naqas wara l-2007, u dan ma ġiex ikkumpensat b'żieda fl-output minn setturi oħrajn. Mill-perspettiva tal-input, l-input tax-xogħol żdied, u dan jispjega parzjalment ix-xejra 'l isfel fil-produttività tax-xogħol. Il-produttività tax-xogħol (madwar EUR 12 000 għal kull ħaddiem) tinsab f'60 % tal-medja tal-UE[8].

L-investimenti jistgħu jtejbu l-produttività fis-settur. Wara l-adeżjoni mal-UE fl-2004, il-bdiewa tal-prodotti tal-ħalib għamlu investimenti kbar (fost l-oħrajn permezz tal-programm tal-iżvilupp rurali) biex jimmodernizzaw l-azjendi agrikoli tagħhom biex itejbu s-sostenibbiltà tagħhom hekk kif żdiedet l-orjentazzjoni lejn is-suq Malti. Dawk l-azjendi agrikoli li ma setgħux jinvestu ħarġu mis-settur, filwaqt li dawk li investew żiedu l-piż finanzjarju tagħhom. Sal-2010, l-investimenti annwali totali fl-azjendi agrikoli segwew xejra pożittiva b'irduppjar minn madwar EUR 5 sa 10 miljun fis-sena wara l-adeżjoni mal-UE. Wara l-kriżi finanzjarja, l-investimenti naqsu, b'medja ta' madwar EUR 8,5 miljun bejn l-2016 u l-2018, jiġifieri 16,4 % tal-valur miżjud gross fl-agrikoltura Maltija, kważi nofs il-medja tal-UE[9]. Madankollu, ir-redditu fuq l-investimenti ma kienx għoli biżżejjed biex tiżdied il-produzzjoni b'mod sinifikanti, u dan jispjega x-xejra 'l isfel fil-produttività kapitali.

Fl-aħħar nett, minbarra l-art, ix-xogħol u l-kapital, l-intraprenditorija u l-kapital uman huma kkunsidrati bħala r-raba' fattur tal-produzzjoni. F'termini ta' innovazzjoni u ta' ħiliet, il-mentalità tradizzjonali ta' xi maniġers tal-azjendi agrikoli li huma ikbar fl-età tillimita l-investimenti fl-azjendi agrikoli għal ġenerazzjonijiet iżgħar. Inizjattivi innovattivi jseħħu okkażjonalment u fuq bażi individwali. Minħabba l-frammentazzjoni u l-individwaliżmu, bosta mis-setturi mhumiex lesti li jibbenefikaw minn inizjattivi innovattivi minħabba n-nuqqas ta' networks u ta' investituri3.




**Sors:** Il-Kummissjoni Ewropea. *Indikatur tal-kuntest tal-PAK C.27 Produttività totali tal-fatturi.* Ibbażat fuq l-EUROSTAT [aact_eaa05], [aact_eaa04], [aact_ali01], [apro_cpsh1] u [ef_mptenure] u l-FADN

## 2.3 Titjib tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur

Kif enfasizzat fit-taqsimiet 2.1 u 2.2, l-azjendi agrikoli żgħar u mikro tipiċi tas-settur agrikolu Malti huma kkaratterizzati minn nuqqas ta' ekonomiji ta' skala fl-attività agrikola tagħhom. Madankollu, ekonomiji ta' skala akbar jistgħu jiġu ġġenerati b'mod effettiv permezz ta' kooperazzjoni fost il-bdiewa/il-produtturi (akkwist kollettiv u provvista ta' prodotti, tqegħid fis-suq ta' prodotti, servizzi, eċċ.). Dan iżid is-setgħa tan-negozjar, li jenħtieġ li twassal għal kostijiet indiretti aktar baxxi u ttejjeb il-profitti.

F'Malta, is-sehem tal-valur miżjud għall-produtturi primarji fil-katina alimentari maż-żmien qed jonqos favur is-servizzi tal-konsumaturi tal-ikel u x-xorb[10]. Fl-2017, 11 % biss marru għand il-produtturi primarji, li huwa ferm taħt il-medja tal-UE ta' 27 %[11].

Dan juri li hemm potenzjal mhux esplorat għall-bdiewa u għall-istrutturi kooperattivi biex jingħaqdu flimkien peress li l-biċċa l-kbira tal-prodotti jinbiegħu prinċipalment fis-swieq lokali. Hemm erba' kooperattivi f'Malta fis-settur tal-inbid, li wieħed fosthom huwa organizzazzjoni tal-produtturi rikonoxxuta[12]. Minbarra din l-organizzazzjoni tal-produtturi, jeżistu forom differenti ta' strutturi ta' kooperazzjoni f'Malta li jipprovdu wkoll servizzi bażiċi lill-bdiewa. Aspett ieħor huwa l-iffaċilitar tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni tal-bdiewa billi dawn jingħaqdu flimkien permezz tal-għarfien, tal-attivitajiet ta' mentoraġġ u ta' prattiki tajba. S'issa ma hemm l-ebda organizzazzjoni interprofessjonali (IBO) rikonoxxuta f'Malta.[13]

Il-biċċa l-kbira tal-azjendi agrikoli f'Malta huma azjendi tal-annimali (30 %) u azjendi tal-ortikoltura (17 %) segwiti minn xi attivitajiet agrikoli oħra (patata, ħxejjex u nbid)[14]. Is-settur tal-ħalib (minbarra n-nagħaġ u l-mogħoż) huwa organizzat permezz ta' struttura vertikali fejn il-kooperattiva tal-produtturi tal-ħalib irnexxielha tqassar il-katina tal-provvista u tipproduċi firxa ta' prodotti tal-ħalib permezz ta' eżerċizzji effettivi ta' kummerċjalizzazzjoni u ta' markar. Dan is-settur jista' jintuża bħala mudell tal-aħjar prattika għal setturi agrikoli Maltin oħra li għadhom inqas organizzati u li jiddependu aktar fuq l-intermedjarji jew fuq il-proċessuri għat-teħid tad-deċiżjonijiet. Madankollu, il-prodotti tas-swieq niċċa (ġelati, xarbiet tal-ħalib tal-ġobon, varjetajiet ġodda ta' jogurt u ġobon li jiddellek) għadhom ma ġewx esplorati għalkollox. Barra minn hekk, l-ikel tajjeb għas-saħħa, imħeġġeġ mill-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" (frott, ħxejjex, prodotti tal-annimali b'livelli mnaqqsa ta' melħ u xaħam) għandu potenzjal.

Il-patata tar-rebbiegħa titkabbar esklużivament għall-esportazzjoni lejn in-Netherlands u lejn il-Ġermanja fost oħrajn, u b'hekk hija l-aktar għalla importanti mil-lat finanzjarju f'Malta. L-ipproċessar tat-tadam għall-pejst tat-tadam *Kunserva* tradizzjonali u prodotti oħra għandu rabta tradizzjonali mal-kultivazzjoni fl-għelieqi miftuħa.

Il-kultivazzjoni tal-ħelejjel f'Malta hija magħmula minn kultivazzjoni tar-raba' li tiddependi mix-xita biex tkabbar l-aktar foraġġ, basal, tewm, ful, patata u xi ħelejjel permanenti bħal dwieli, siġar taż-żebbuġ u siġar tal-frott, u art agrikola saqwija, li tintuża biex tkabbar firxa usa' ta' frott u ta' ħxejjex.

Il-prestazzjoni tal-ipproċessar tal-agroindustrija tvarja skont is-settur, it-tipi ta' l-ipproċessar u d-dimensjonijiet tal-attività tagħha. Xi setturi bħall-produzzjoni tal-prodotti tal-ħalib, l-ipproċessar tat-tadam u l-produzzjoni tal-inbid żviluppaw industrija tal-ipproċessar b'saħħitha. Filwaqt li setturi oħrajn bħal dak tal-ġobon tan-nagħaġ u tal-għasel huma aktar ibbażati fuq il-produtturi u mwettqa fuq skala żgħira. L-ipproċessar tal-laħam li storikament kien maħsub għal-laħam tal-majjal issa kompla jespandi għal setturi oħra tal-laħam (ċanga, tiġieġ, fniek, mogħoż, ħrief, u żwiemel).

Malta ma għandha l-ebda strument leġiżlattiv speċifiku biex tindirizza Prattiċi Kummerċjali Inġusti[15].




**Sors:** Il-Kummissjoni Ewropea. *Indikaturi tal-PAK – Esploratur tad-data*.
Indikatur tar-riżultat tal-PAK RPI_03 Valur għall-produtturi primarji fil-katina alimentari.

## 2.4 Kontribut għall-mitigazzjoni u għall-adattament għat-tibdil fil-klima, kif ukoll għall-enerġija sostenibbli

Fl-2018, l-emissjonijiet agrikoli ta' gassijiet serra (GHG) f'Malta ammontaw għal 65 400 tunnellata ta' ekwivalenti għal diossidu tal-karbonju ($CO_2$), jiġifieri 14,4 % inqas mill-1990.[16] Is-sehem globali tas-settur agrikolu fl-emissjonijiet nazzjonali totali ma varjax ħafna fil-passat, fejn beda bi 3,6 % fl-1990 u kien madwar 3 % fl-2018,[17] valur baxx meta mqabbel mal-medja tal-UE (madwar 12 % fl-2016).[18] Madankollu, Malta għandha t-tielet l-ogħla ċifra fost l-Istati Membri f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-settur agrikolu għal kull ettaru ta' art agrikola, ekwivalenti ta' 5,6 $CO_2$ (il-medja tal-UE hija ta' 2,38 tunnellata, ekwivalenti ta' $CO_2$).[19] Malta għandha wkoll it-tieni l-ogħla densità totali ta' bhejjem fl-UE (2,9 unitajiet ta' bhejjem għal kull ettaru meta mqabbla ma' 0,8 fil-medja tal-UE)[20].

B'49 %, l-emissjonijiet mill-fermentazzjoni enterika jammontaw għall-akbar sehem tal-emissjonijiet agrikoli (primarjament mill-bhejjem tal-ifrat, segwiti min-nagħaġ u mill-ħnieżer), segwiti mill-emissjonijiet mill-ħamrija agrikola (29 %) u mill-emissjonijiet mill-ġestjoni tad-demel (23 %) fl-2018. L-emissjonijiet tal-metan mill-fermentazzjoni enterika u mill-ġestjoni tad-demel naqsu mil-livelli tal-1990 minħabba t-tnaqqis fil-popolazzjonijiet tal-bhejjem (ħlief għall-fniek u ż-żwiemel) minħabba żieda fl-importazzjoni tal-laħam u tal-prodotti tal-ħalib.[21] Fi kwalunkwe każ, is-sehem għoli ta' emissjonijiet mill-Ġestjoni tad-demel huwa r-riżultat ta' sistema nazzjonali ta' ġestjoni tad-demel li għadha fil-biċċa l-kbira tagħha rudimentali u b'infurzar limitat.[22] Iż-żona agrikola totali u ż-żona b'għelejjel tal-foraġġ naqsu wkoll mill-1990. Għaldaqstant, l-istess għamlu r-rati tal-applikazzjoni tan-nitroġenu u l-emissjonijiet tal-ossidu nitruż.[23]

Fl-2018, Malta rrapportat l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra marbuta mal-użu tal-art, mat-tibdil fl-użu tal-art agrikola u mal-forestrija (LULUCF) li jammontaw għal madwar 4 000 tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$, bl-istess livell irrapportat fl-1990, fejn ir-raba' ipproduċa 3 000 tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$.[24] L-emissjonijiet mir-raba' żdiedu b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin. Bejn l-1990 u l-2002, il-kontribut tas-settur naqas (fl-2002, l-emissjonijiet netti kienu ftit aktar minn 1 000 tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$), iżda bejn l-2002 u l-2018 mar lura għal-livelli tal-1990.[25] Minħabba li Malta hija nieqsa minn artijiet miksija b'għelejjel jew b'imsaġar permanenti meta mqabbla ma' gżejjer Mediterranji oħra (iż-żoni tal-imsaġar ta' Malta jammontaw għal madwar 200 ettaru),[26] tul dawn l-aħħar snin twettqu ħafna proġetti ta' afforestazzjoni biex itejbu l-assorbimenti tas-$CO_2$, iżda l-iskala ta' proġetti bħal dawn mistennija li tkun limitata ħafna.[27] Barra

minn hekk, minħabba l-inadegwatezza ta' xi żoni għall-afforestazzjoni minħabba kundizzjonijiet ġeoloġiċi u mikroklimatiċi, it-titjib tal-bjar fil-LULUCF f'Malta għadu diffiċli.[28] Madankollu, firxa ta' siġar tal-frott jew għelejjel tal-foraġġ permanenti li huma adattati għal klimi aktar sħan jistgħu jiġu ttestjati fil-kundizzjonijiet Maltin għall-identifikazzjoni ta' żoni ta' intervent għall-finijiet tal-ħolqien tal-bjar ta' karbonju fil-futur. Jenħtieġ li s-siġar li jitqiesu bħala għelejjel permanenti għall-kapaċità tagħhom li jipprovdu vijabilità kummerċjali lill-bdiewa (pereżempju siġar taż-żebbuġ, siġar tat-tin u tal-frott tal-għadma) jiġu promossi fl-azjendi agrikoli rikreattivi u tul il-marġnijiet tal-azjendi agrikoli kummerċjali.[29] Għal din il-fini, il-programm tal-iżvilupp rurali 2014-2020 jiddedika miżura ta' investiment għall-finijiet ta' afforestazzjoni. Waqt li jitqiesu d-densità għolja tal-popolazzjoni, id-disponibbiltà limitata tal-art tagħha u l-kundizzjonijiet klimatiċi lokali (bħal xita limitata), il-potenzjal ta' Malta għal aktar tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ permezz tas-sekwestru tal-karbonju fil-veġetazzjoni huwa maħsub li jkun minimu.[30]

Skont il-Pjan Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima tagħha, l-emissjonijiet totali tal-gassijiet serra fis-setturi agrikoli huma mistennija li jkunu stabbli għal madwar 65 600 tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ fis-sena, fil-perjodu mill-2021 sal-2030. L-emissjonijiet tal-ossidu nitruż (N2O) mill-użu tal-fertilizzanti huma mistennija li jonqsu maż-żmien hekk kif jiġu adottati prattiki mtejba tal-kultivazzjoni, prinċipalment permezz tal-applikazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika Agrikola tajba u l-Programm ta' Azzjoni dwar in-Nitrati.[31]

Fl-2018, is-sehem tal-agrikoltura fil-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli totali f'Malta ammonta għal 4,8 %, li hu ferm inqas mill-medja tal-EU-27 (12,1 %).[32] L-ebda enerġija rinnovabbli ma ġiet prodotta mis-settur tal-forestrija. Il-konsum tal-enerġija fl-agrikoltura u fil-forestrija Maltin għandu t-tieni l-inqas sehem fil-konsum totali tal-enerġija finali (0,9 %) fl-EU-27, filwaqt li l-użu dirett tal-enerġija fl-ipproċessar tal-ikel ammonta għal 1,2 %, li jirrifletti l-iskala żgħira tas-settur agrikolu meta mqabbel mal-bqija tal-UE.[33] Madankollu, f'termini ta' effiċjenza enerġetika, il-konsum tal-enerġija mill-agrikoltura u l-forestrija għal kull ettaru qed jiżdied maż-żmien (b'67 % bejn l-2013 u l-2018, li huwa ferm ogħla mil-livell tal-UE, 8 %). Barra minn hekk, il-konsum tal-enerġija għal kull ettaru diġà huwa darbtejn u nofs ogħla f'Malta mill-medja tal-UE[34]. Il-Miżuri agrikoli li huma marbuta mal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jinkludu inizjattivi tal-enerġija rinnovabbli bħall-installazzjoni ta' pannelli solari fotovoltajċi fi strutturi tal-azjendi agrikoli bħal matmuri tal-qamħ li huma aktar xierqa għall-kundizzjonijiet klimatiċi Maltin u għandhom l-għan li jilqgħu l-isfidi tal-ġejjieni. Il-ġenerazzjoni tal-enerġija mid-demel jew mill-fdalijiet tal-għelejjel għandha wkoll valur potenzjali kbir.

Is-settur agrikolu ta' Malta huwa partikolarment vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima.[35] L-Istrateġija Nazzjonali ta' Malta għat-Tibdil u l-Adattament fil-Klima (2012) identifikat erba' kwistjonijiet ewlenin marbuta mat-tibdil fil-klima: (i) it-tnaqqis fir-rendiment u fil-kwalità tal-għelejjel minħabba nuqqas ta' disponibbiltà ta' ilma u varjabbiltà fix-xita, (ii) it-telf finanzjarju dirett għall-partijiet ikkonċernati li kien aggravat mill-ħtieġa ta' żieda fl-infiq minħabba ħsara kkawżata minn avvenimenti estremi tat-temp (iii) it-tnaqqis fir-rendiment tal-għelejjel ikkawżat minn żieda fit-temperaturi tas-sajf u mir-riskju ta' nixfa u (iv) il-problemi addizzjonali li jirriżultaw mill-introduzzjoni ta' pesti u ta' mard ġodda.




**Sors:** L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. Bħal fl-EUROSTAT [env_air_gge]

## 2.5 Trawwim tal-iżvilupp sostenibbli u tal-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja

Arja: Minkejja żieda fl-2018, l-emissjonijiet tal-ammonijaka f'Malta naqsu bejn l-2013 u l-2017, li jmur kontra x-xejra reċenti fl-EU-28.[36] Dan huwa l-każ ukoll għall-emissjonijiet tal-ammonijaka mill-agrikoltura[37]. Is-sehem tal-emissjonijiet tal-ammonijaka mill-agrikoltura fl-emissjonijiet totali tal-ammonijaka f'Malta (kważi 94 %) huwa ogħla mill-medja tal-EU-28.[38] Dan japplika wkoll għall-emissjonijiet tal-$NH_3$ mill-agrikoltura għal kull ettaru.[39] B'rabta ma' dan huwa l-fatt li, minħabba densità għolja ta' bhejjem[40], il-kontribut relattiv tas-settur tal-bhejjem għall-emissjonijiet tal-ammonijaka mill-agrikoltura f'Malta huwa b'mod konsiderevoli ogħla mill-medja tal-EU-28.[41] It-tnaqqis matul iż-żmien fl-emissjonijiet $NH_3$ mill-agrikoltura huwa dovut l-aktar għat-tnaqqis fil-bhejjem (densità u numri).[42] L-aktar livelli reċenti tal-emissjonijiet tal-ammonijaka rrapportati (2018) huma taħt il-limitu massimu tal-emissjonijiet tal-NECD (id-Direttiva dwar il-Limiti Nazzjonali tal-Emissjonijiet) ta' Malta għall-ammonijaka għal din is-sena[43]. Madankollu, ir-reviżjonijiet tal-Programm Nazzjonali Malti għall-Kontroll tat-Tniġġis tal-Arja (NAPCP) u l-projezzjoni ta' emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, ikkummissjonati mill-Kummissjoni Ewropea, sabu li Malta tinsab f'riskju għoli li ma tkunx konformi mal-impenji għat-tnaqqis għall-$NH_3$ tal-2020-2029 u tal-2030 'il quddiem.[44]

Ħamrija: Il-frammentazzjoni u l-abbandun tal-art agrikola, l-adegwatezza limitata tal-agrikoltura tal-ħamrija, ċerti prattiki agrikoli (bħal 100 % taż-żona li tista' tinħarat skont il-ħdim tar-raba' konvenzjonali)[45], l-urbanizzazzjoni rapida, ir-riżorsi limitati tal-ilma, u l-modernizzazzjoni rapida tal-istruttura soċjali jkomplu jaggravaw il-pressjonijiet tal-erożjoni tal-ħamrija.[46] Il-konċentrazzjoni medja tal-kontenut tal-karbonju organiku fil-ħamrija (15,6 g/kg) f'Malta hija b'mod konsiderevoli aktar baxxa mill-medja tal-EU28.[47] L-indiċi tal-issiġillar tal-ħamrija mkabbar minn 100,1 fl-2009 għal 100,8 fl-2015.[48] Is-sehem taż-żona agrikola stmata affettwata minn erożjoni moderata għal waħda severa minħabba l-ilma (>11-il tunnellata għal kull ettaru fis-sena) huwa ogħla mill-medja tal-EU28[49], bħal ma hi r-rata stmata ta' telf ta' ħamrija minħabba l-erożjoni tal-ilma[50]. Mill-2019, madwar 7,5 % taż-żona agrikola f'Malta kienet taħt kuntratti biex tittejjeb il-ġestjoni tal-ħamrija

u/jew biex tiġi evitata l-erożjoni.[51] Fil-futur, Malta tista' tindirizza dawn il-kwistjonijiet ewlenin f'sinerġija mal-attivitajiet fil-missjoni Orizzont Ewropa dwar is-Saħħa tal-Ħamrija.

Il-kwantità u l-kwalità tal-ilma: Malta hija pajjiż li qed iħabbat wiċċu ma' sfidi serji tal-ilma.[52] Malta għandha l-inqas volum ta' riżorsi tal-ilma ħelu għal kull persuna fl-UE.[53] Prattikament l-ilma ħelu kollu li jinsab b'mod naturali ġej mill-korpi ta' ilma ta' taħt l-art, li huma mhedda mill-estrazzjoni eċċessiva kif ukoll mit-tniġġis min-nitrati. Għalkemm id-*data* tal-monitoraġġ tissuġġerixxi li l-iżbilanċ bejn l-astrazzjoni u l-mili mill-ġdid qed jonqos progressivament[54], għad hemm problemi sinifikanti bl-istatus kwantitattiv tal-korpi ta' ilma ta' taħt l-art f' Malta[55]. Fir-rigward tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, madwar 51 % jinsabu fi stat ekoloġiku mhux magħruf, bi 12 % li mhux qed jirnexxielhom jiksbu stat ekoloġiku tajjeb u b'madwar 47 % tal-ilma tal-wiċċ li wkoll mhux qed jirnexxielhom jiksbu stat kimiku tajjeb. Għall-ilma ta' taħt l-art, 13 % mhux qed jirnexxielhom jiksbu status kwantitattiv tajjeb (iżda mhux il-korpi kollha tal-ilma huma mmonitorjati għal status kwantitattiv) u 80 % tal-ilmijiet ta' taħt l-art mhux qed ikollhom status kimiku tajjeb[56]. L-aktar pressjoni sinifikanti fuq l-ilma ta' taħt l-art kienet it-tniġġis agrikolu mifrux segwit minn astrazzjoni jew minn devjazzjoni tal-fluss għall-agrikoltura. Peress li l-ilma ta' taħt l-art jimtela mill-ġdid fil-parti l-kbira mill-ilma tax-xita, it-tibdil fil-klima mistenni jirriżulta fi pressjoni addizzjonali fuq riżorsi tal-ilma ta' taħt l-art, minħabba li l-bidliet fl-iskular tal-ħamrija kkawżati minn tnaqqis fix-xita jistgħu jwasslu għal żieda fis-salinità tal-ħamrija u ħsara lill-istruttura tal-ħamrija li twassal għad-deżertifikazzjoni. Minkejja tnaqqis sinifikanti bejn l-2007 u l-2011, kemm l-eċċessi tan-nitroġenu kif ukoll tal-fosforu f'Malta għadhom relattivament għoljin u baqgħu stabbli f'dawn l-aħħar snin.[57] L-effiċjenza fl-użu tan-nitroġenu hija wkoll pjuttost baxxa, għalkemm hemm xejra pożittiva.[58] Nofs l-istazzjonijiet tal-ilma ta' taħt l-art mmonitorjati kollha f'Malta huma ta' kwalità baxxa u bħala medja huma daqs 50 milligramma ta' nitrat għal kull litru jew aktar.[59] Għall-korpi ta' ilma ta' taħt l-art, l-aktar pressjoni sinifikanti hija l-agrikoltura.[60] B'rabta ma' dan, Malta għandha waħda mill-ogħla densitajiet ta' bhejjem fl-UE. B'żona saqwija ta' 31 %[61], Malta għandha wkoll waħda mill-ogħla intensitajiet ta' tisqija madwar id-dinja[62], u t-tisqija tammonta għal 48 % tal-astrazzjonijiet kollha tal-ilma[63]. Barra minn hekk, it-tisqija tista' tnaqqas aktar id-disponibbiltà tal-ilma għall-ħabitats/għall-ispeċijiet. Il-gżejjer Maltin kollha huma żona deżinjata vulnerabbli għan-nitrati[64] u għalhekk l-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma huwa kritiku f'termini tal-ilħuq ta' talbiet futuri għall-ilma u għall-konformità mar-regolamenti tal-UE biex jitnaqqas it-tniġġis agrikolu. Fl-2018, aktar minn 4 % tal-art agrikola f'Malta kienet taħt kuntratti biex ittejjeb l-immaniġġjar tal-ilma.[65] F'dan ir-rigward, il-Politika Nazzjonali Agrikola għall-Gżejjer Maltin tenfasizza l-ħtieġa ta' investiment fl-ilma sabiex tiġi żgurata r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima. Diġà ttieħdu xi miżuri li għandhom l-għan li jottimizzaw l-immaniġġjar tal-ilma tax-xita li jiskula minn inizjattivi ta' ġestjoni tal-wied u l-iżvilupp ta' faċilitajiet ta' ħżin fuq il-post, b'mod partikolari mmirati biex jindirizzaw id-domanda tas-settur agrikolu.[66]




**Sors:** Il-Kummissjoni Ewropea. *Indikatur tal-kuntest tal-PAK C.40 Kwalità tal-ilma.* Ibbażat fuq l-EUROSTAT [aei_pr_gnb]

## 2.6 Kontribut għall-ħarsien tal-bijodiversità, tisħiħ tas-servizzi tal-ekosistema u preservazzjoni tal-ħabitats u l-pajsaġġi

Iż-żona agrikola f'Malta żdiedet maż-żmien minn 10 250 fl-2005 għal 11 580 ettaru fl-2016. Din iż-żieda hija marbuta mat-tqassim u mal-frammentazzjoni tal-art filwaqt li l-popolazzjoni totali tal-biedja qed tonqos. Madankollu, aktar minn 70 % tal-azjendi agrikoli kollha jkopru anqas minn ettaru[67] u ż-żona totali tal-bwar tirrappreżenta madwar 4,5 % taż-żona agrikola (527 ettaru)[68].

L-implimentazzjoni tal-miżuri agroambjentali u dawk klimatiċi hija pprogrammata biex tkopri 13 % taż-żona agrikola Maltija fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali[69]. L-allokazzjoni baġitarja mhijiex biżżejjed skont il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika dwar il-programm ta' żvilupp rurali għall-2014-2020, li tagħmilha aktar diffiċli biex tinkiseb biedja organika u biex jinkisbu prattiki favur l-ambjent. Is-sehem tal-art taħt kuntratti li jappoġġaw il-bijodiversità huwa ta' 15,5 %[70], f'konformità mal-medja tal-UE (15 % fl-2018). Is-sehem taż-żona agrikola protetta taħt Natura 2000 huwa ta' 8 % (11 % għall-medja tal-EU-28[71]) u 70 % tan-network jinsab f'żoni urbani funzjonali. Natura 2000 hija kompluta għan-network terrestri iżda mhux għal dak marittimu. Fl-2013, l-Indiċi tal-għasafar f'żoni agrikoli kien ta' 81,9[72] f'Malta, li huwa baxx meta mqabbel mal-medja tal-UE fl-istess sena (83[73]). Il-biċċa l-kbira tal-valutazzjonijiet tal-ħabitats protetti huma ta' status ta' konservazzjoni mhux favorevoli (*data* tal-2013-2018), inklużi l-valutazzjonijiet kollha tal-ħabitats protetti tal-bwar u l-maġġoranza l-kbira tal-valutazzjonijiet tal-ħabitats tal-foresti.

Il-prattiki tal-biedja organika jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-bijodiversità. Madankollu, 0,4 % biss taż-żona agrikola totali hija stmata li hija organika (55 ettaru tal-għelejjel organiċi fl-2019 jew 14-il bidwi li jipproduċi ikel organiku[74]). Dan huwa s-sehem l-aktar baxx fl-UE. Il-medja tal-UE żdiedet progressivament biex laħqet it-8 % fl-2018 filwaqt li qed tvarja f'Malta[75]. Sfida kbira għall-biedja organika hija d-daqs żgħir tar-rqajja' u l-art agrikola Maltija frammentata, minħabba sorsi possibbli ta' kontaminazzjoni bejn il-bċejjeċ tar-raba'. Minbarra l-frammentazzjoni, il-kwistjonijiet li jiltaqgħu magħhom il-bdiewa organiċi jinkludu l-prossimità għat-toroq u l-bdiewa konvenzjonali, il-kundizzjonijiet tar-riħ li jirriżultaw mid-deriva tal-pestiċidi, il-kundizzjonijiet ħżiena tal-ħamrija u d-disponibbiltà ta' prodotti permessi għall-ħarsien tal-pjanti għall-biedja organika[76]. Barra minn hekk, il-piż amministrattiv, ħafna drabi meqjus bħala twil u kumpless jiskoraġġixxi lill-bdiewa milli jaqilbu għall-biedja organika3.

Billi t-tifrix urban f'Malta huwa wieħed mill-ogħla fl-Ewropa, l-iżvilupp eċċessiv huwa kawża tat-telf tal-bijodiversità u tal-pajsaġġi naturali. Madankollu, l-istrateġiji nazzjonali jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet f'Malta. L-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Bijodiversità (2012-2020) jippromwovu l-iżvilupp u l-preservazzjoni tal-materja organika tal-ħamrija u t-titjib tal-bijodiversità tal-ħamrija. Il-Politika Nazzjonali dwar l-Ambjent (2012-2020)[77], tindirizza l-prijoritajiet ta' sostenibbiltà fit-tul bħall-kwalità tal-arja u tal-ilma, il-bijodiversità, u t-tibdil fil-klima. B'mod ġenerali, is-sitwazzjoni partikolari ta' Malta u l-kundizzjonijiet ħżiena tal-ħamrija tagħha jikkostitwixxu ostakli reali biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tal-bijodiversità u biex jiġu ppreservati l-ħabitats u l-pajsaġġ.

Ir-raba' mistrieħ jikkontribwixxi għaż-żona taħt karatteristiċi ta' pajsaġġ b'bijodiversità kbira. F'Malta, 9,3 % taż-żoni agrikoli totali huma raba' mistrieħ fl-2018 (meta mqabbla ma' 4,1 % fl-EU-27). Fl-2019, skont il-miżuri attwali ta' ekoloġizzazzjoni 1 % biss tar-raba' li jinħadem f'Malta waqa' taħt l-obbligu taż-Żona ta' Konċentrazzjoni Ekoloġika għall-benefiċċji tal-bijodiversità, ekwivalenti għal 51 ettaru (meta mqabbel ma' 69 % fl-UE)[78]. Din iċ-ċifra hija baxxa għal Malta peress li l-bdiewa b'aktar minn 15-il ettaru huma soġġetti għall-obbligu taż-ŻIE.  Il-kopertura taż-ŻIE kienet limitata għall-għelejjel li jassimilaw in-nitroġenu (81 %) u għar-raba' mistrieħ (19 %). Madankollu, skont studju mwettaq mill-JRC ibbażat fuq l-istħarriġ LUCAS, fl-2015, is-sehem tal-elementi tal-pajsaġġ bħala perċentwal taż-żona agrikola kien ta' 0 %[79]. Is-settur agrikolu jrid jikkontribwixxi għall-ħarsien u għat-titjib tal-bijodiversità, billi joħloq infrastruttura ekoloġika bbażata fuq il-ħitan tal-ġebel, is-sisien tal-pjanti u l-ilqugħ tal-veġetazzjoni, pereżempju bejn il-biedja konvenzjonali u dik organika. Madankollu, qed isiru investimenti importanti taħt il-miżura 4.4 tal-PŻR 2014-2020, fejn madwar 18 % tal-pakkett finanzjarju huwa ddedikat għall-investiment mhux produttiv immirat lejn ir-restawr, il-preservazzjoni u t-titjib tal-bijodiversità, bħall-ħitan tas-sejjieħ fost interventi oħra.




**Sors:** Il-Kummissjoni Ewropea. *Indikatur tal-kuntest tal-PAK C.19 Żona agrikola li tintuża għall-biedja organika.*
Ibbażat fuq l-EUROSTAT [org_cropar_h1] u [org_cropar]



**Sors:** Id-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali. Ibbażat fuq l-EUROSTAT għar-raba' mistrieħ u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka bbażat fuq l-istħarriġ LUCAS għall-istima tal-elementi tal-pajsaġġ.

** Elementi lineari huma kkunsidrati hawnhekk: Il-marġnijiet tal-ħaxix, il-marġnijiet tal-arbuxxelli, buxxijiet ta' siġar individwali, linji ta' siġar, sisien tal-ħaxix u kanali. Din l-istima għandha tittieħed bir-reqqa minħabba twissijiet metodoloġiċi.*

## 2.7 Attrazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ u ffaċilitar tal-iżvilupp tan-negozju fiż-żoni rurali

L-għadd ta' azjendi agrikoli f'Malta qed jonqos kemm minħabba ż-żieda fil-produttività fl-agrikoltura, il-profittabbiltà baxxa tal-biedja kif ukoll minħabba opportunitajiet aħjar ta' xogħol f'parti oħra tal-ekonomija. F'dan il-kuntest ġenerali Malta kellha wieħed mill-iżgħar ishma ta' bdiewa żgħażagħ (3,8 %) fl-2016 fl-għadd totali ta' maniġers tal-azjendi agrikoli, taħt il-medja tal-EU-28 (5,1 %), u dan is-sehem naqas b'madwar 40 % bejn l-2005 sal-2016. Fost il-bdiewa żgħażagħ, is-sehem tan-nisa huwa fost l-aktar baxx fl-UE. Id-daqs medju ekonomiku tal-azjendi agrikoli f'Malta huwa l-ogħla għall-bdiewa li għandhom sa 44 sena. Fl-aħħar nett, is-sehem tal-bdiewa ta' 55 sena jew aktar huwa ta' 65,8 %[80].

Il-livelli tal-edukazzjoni u t-taħriġ fost il-forza tax-xogħol tal-azjendi agrikoli huma ta' spiss baxxi, u dan għandu effetti konsegwenti ovvji fuq l-istandards tal-prattika agrikola.[81] Is-sehem tal-maniġers tal-azjendi agrikoli iżgħar minn 35 sena b'tal-inqas livell bażiku ta' taħriġ agrikolu tjieb f'Malta, illum huwa ogħla mill-medja tal-UE (54 % fl-2016). Dan is-sehem huwa wkoll ogħla mis-sehem totali tal-maniġers tal-azjendi agrikoli b'tal-inqas taħriġ agrikolu bażiku (31 %)[82]. Madankollu, fiż-żoni rurali hemm għadd dejjem akbar ta' żgħażagħ bejn il-15 u l-24 sena li la għandhom impjieg, u lanqas edukazzjoni jew taħriġ[83].

Minkejja evidenza statistika limitata għaż-żoni rurali, huwa possibbli li jiġi enfasizzat li aktar minn 54 % tal-azjendi agrikoli għandhom produzzjoni ta' anqas minn EUR 2 000 fi produzzjoni standard, u għalhekk huma meqjusa żgħar ħafna[84]. Il-valur miżjud gross tas-settur primarju ilu jonqos mill-2010 minn 1,7 % għal 1,0 % kif ukoll l-introjtu agrikolu naqas għal madwar 50 % tal-introjtu medju f'Malta fl-2018[85]. Barra minn hekk, il-bdiewa professjonali li jaħdmu fis-settur huma madwar 55 % tal-popolazzjoni agrikola rreġistrata[86]. Dan għandu effett fuq il-possibbiltà li jsir benefiċċju minn ekonomiji ta' skala u għalhekk jaffettwa l-pożizzjoni tal-introjtu tal-bdiewa Maltin. Barra minn hekk , ir-rata ta' impjieg għall-irġiel hija ta' madwar 80 % għal kategoriji differenti ta' età u livell ta' edukazzjoni[87]. Filwaqt li n-nisa b'livell baxx ta' edukazzjoni fiż-żoni rurali jilħqu biss it-33 %[88]. Fis-settur primarju, is-sehem tan-nisa bħala parti mill-forza tax-xogħol agrikola qed jonqos minn 14,6 % għal 14,2 % bejn l-2013 u l-2016.

Quddiem sitwazzjoni ta' popolazzjoni agrikola li qed tixjieħ mingħajr il-kapaċità li trawwem bdiewa ġodda f'ambjent kummerċjali diffiċli, is-sistema agrikola ta' Malta tirriskja li tikkollassa u li twaqqa' magħha n-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali. Dan jippreżenta sfida serja għat-tiġdid tal-ġenerazzjoni.

Huwa biss permezz ta' titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-fattibbiltà ekonomika tal-pakkett tal-biedja li l-bdiewa żgħażagħ jistgħu jingħataw inċentivi biex jibqgħu attivi fis-settur. Il-biedja hija industrija li tradizzjonalment inwirtet peress li l-biċċa l-kbira tal-ħiliet jinkisbu permezz tal-prattika u jistgħu jittejbu permezz tal-edukazzjoni u l-bini tal-kapaċità. Barra minn hekk, ċerti riżorsi bażiċi bħall-art agrikola jew l-irziezet tal-annimali ma jistgħux jinkisbu faċilment minn persuni li ġejjin minn barra s-settur. L-investiment kapitali huwa wkoll għoli ħafna u meta wieħed iqabbel il-marġnijiet ta' profitt, bidwi jrid ikollu ammont konsiderevoli ta' produttività biex jgħix mis-settur. Fil-fatt, il-biċċa l-kbira tal-bdiewa attivi jargumentaw li ma għadux possibbli li wieħed jgħix minn azjendi agrikoli żgħar jew azjendi agrikoli żgħar tal-annimali.[89]

Skont il-PAK, Malta tipprovdi biss ftit appoġġ speċifiku lill-bdiewa żgħażagħ. Skont il-Pilastru I, Malta nefqet biss 0,05 % (minn 0,4% iddedikati) tal-pakkett ta' pagamenti diretti lill-Pagament għal Bdiewa Żgħażagħ (YFP) fis-sena tat-talba 2018. L-ammonti annwali medji tal-YFP għal kull ettaru u għall-benefiċjarju huma baxxi ħafna wkoll: it-tnejn madwar EUR 20[90]. Dan jista' jkun wieħed mir-raġunijiet għaliex l-għadd ta' benefiċjarji tal-YFP juri xejra negattiva. Huwa pjuttost eċċezzjonali fl-UE. Skont l-iżvilupp rurali, Malta tipprovdi madwar EUR 5,7 miljun għall-installazzjoni għall-bdiewa żgħażagħ taħt il-miżura 6 b'somma f'daqqa ta' EUR 70 000/benefiċjarju. Sal-aħħar

tal-2019, il-programm għall-iżvilupp rurali (is-sottomiżura 6.1) ipprovda appoġġ lil 60 bidwi żagħżugħ[91].




**Sors:** EUROSTAT. [ef_m_farmang]

## 2.8 Promozzjoni tal-impjiegi, tat-tkabbir, tal-inklużjoni soċjali u tal-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, inkluż il-bijoekonomija u l-forestrija sostenibbli

L-erja totali tal-arċipelagu Malti hija ta' 316,18 km$^2$ u din tinkludi 11 706 ettaru ta' art agrikola (madwar 37 % tal-erja totali). F'Malta, il-grad ta' urbanizzazzjoni[92] għall-Unitajiet Amministrattivi Lokali[93] jindika li ż-żoni rurali jinsabu qrib iċ-ċentri urbani u jirrappreżentaw 13,6 % tat-territorju kollu. L-ivvjaġġar ta' kuljum lejn ix-xogħol u lura bejn iż-żoni rurali u ċ-ċentri urbani huwa għoli u għandu impatti soċjali u ambjentali minħabba t-tniġġis tal-arja. L-ivvjaġġar lejn ix-xogħol u lura huwa partikolarment għoli bejn Għawdex u Malta minħabba n-nuqqas ta' servizzi bażiċi u opportunitajiet ta' xogħol ta' kwalità f'Għawdex. [94]

Malta tinsab fl-ewwel post fl-UE għad-densità tal-popolazzjoni[95] b'1450 abit/km$^2$, u l-arċipelagu rreġistra żieda fil-popolazzjoni ta' 12,3 % bejn l-2015-2019[96]. It-tifrix urban qed jikber b'mod mgħaġġel u l-indiċi tal-issiġillar tal-ħamrija żdied minn 100,1 fl-2009 għal 104,2 fl-2015, iż-żoni ta' NATURA 2000 naqsu wkoll b'0,5 % bejn l-2013 u l-2018[97]. Dan qed jhedded l-ekosistemi tal-gżejjer. Is-servizzi tal-ekosistema li għandhom x'jaqsmu mal-użu tal-art huma kritiċi għall-ekonomija ta' Malta (pereżempju għall-introjtu mitluf li ġej mit-turiżmu orjentat lejn in-natura, it-telf tal-bijodiversità u l-agrikoltura) u l-kwalità tal-ħajja.

Ir-rata tal-impjiegi f'Malta qed tiżdied b'mod kostanti minn 57 % fl-2000 għal 73 % fl-2017, b'valuri simili fiż-żoni rurali li laħqu 75,3 % fl-2017. Fl-2017, 0,7 % biss tal-popolazzjoni kienet impjegata fis-settur agrikolu, 1,9 % fl-industrija tal-ikel u 7,6 % fis-settur tat-turiżmu, bi tkabbir (2012-2017) irreġistrat biss fl-industrija tal-ikel (żieda ta' 1 fil-mija) u t-turiżmu (żieda ta' 2,6 fil-mija)[98]. Madankollu, ir-rata ta' impjieg għan-nisa fiż-żoni rurali naqset bejn l-2013-2016 (minn 14,6 % għal 14,2 %)[99] u 6 % biss tal-maniġers tal-azjendi agrikoli huma nisa, ferm inqas mill-medja tal-UE ta' 28 %. Ir-rata taż-żgħażagħ li mhumiex fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ (ta' bejn il-15 u l-24 sena) varjat bejn l-2009 u l-2018 u qed terġa' tiżdied b'aktar minn 11 % fiż-żoni rurali[100].

L-istruttura tal-ekonomija evolviet matul il-perjodu mill-2012 sal-2018. F'termini ta' valur miżjud gross (GVA), il-kontribut tas-settur primarju naqas minn 1,7 % għal 1 %. Dan is-settur ibati mit-tqassim għoli tal-art agrikola f'azjendi agrikoli żgħar kif ukoll min-nuqqas ta' kooperazzjoni fost il-bdiewa. Fl-istess perjodu wkoll, is-settur sekondarju (li jinkludi l-industrija tal-ikel) wera tnaqqis

akbar minn 20,1 % għal 13,7 %[101]. L-ekonomija Maltija tikkonferma l-importanza tas-settur terzjarju. Madankollu, il-prodott gross domestiku (PGD) per capita f'Malta żdied u kkonverġa lejn il-medja tal-UE bejn l-2009 u l-2017, minn madwar 80 punti fl-2009[102]. Minkejja din ix-xejra, ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali jibqa' stabbli għal madwar 19 % fil-livell nazzjonali.

Il-gruppi ta' azzjoni lokali (LAGs) għandhom rwol importanti fl-iżvilupp lokali. Il-PŻR 2014-2020 alloka madwar EUR 5 miljun li jgħoddu għal 5 % tal-baġit totali għall-proġetti LEADER. Bħalissa hemm 3 LAGs li ż-żona ta' operazzjoni tagħhom tkopri t-territorju u l-popolazzjoni rurali kollha. Il-proġetti kofinanzjati tagħhom mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali għandhom l-għan ewlieni li jtejbu l-possibbiltajiet għall-wirt kulturali u li jiżviluppaw infrastruttura u servizzi ekoloġiċi għan-nies lokali.

Malta hija l-pajjiż tal-UE bl-inqas kopertura forestali (0,46 % biss tal-wiċċ tal-gżira fl-2018[103]). Il-foresti huma kollha pjantaġġuni (semi-naturali) u l-maġġoranza l-kbira huma proprjetà pubblika. Prattiki mhux sostenibbli u ġestjoni ħażina fis-settur qed joħolqu riskji serji għall-ekonomija u għall-ħarsien tal-bijodiversità u tal-pajsaġġ. Barra minn hekk, il-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri fil-pajjiż, u l-pjanijiet settorjali mhux dejjem jinkludu valutazzjoni ta' kif it-tibdil fil-klima jista' jaffettwa r-riskji ta' diżastri filwaqt li Malta diġà hija affettwata minn tibdil fil-klima[104] (ara wkoll it-taqsima 2.1).

It-turiżmu huwa attività rilevanti għall-arċipelagu Malti. 97 % tat-turisti jagħżlu li joqogħdu f'lukandi u numru limitat biss joqogħdu f'akkomodazzjonijiet oħrajn. It-turiżmu rurali jirrappreżenta biss 1,8 % tal-offerta turistika totali f'Malta[105]. Fl-arċipelagu, l-inizjattivi tat-turiżmu rurali ħadu spinta f'dawn l-aħħar ftit snin, appoġġati mill-programmi tal-iżvilupp rurali 2007-2013 u 2014-2020. Madankollu, is-settur fiż-żoni rurali għandu potenzjal dejjem akbar li mhux sfruttat li jista' jappoġġa l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli u jagħti spinta lid-diversifikazzjoni ekonomika.

## 2.9 Titjib tar-rispons tal-agrikoltura tal-UE għad-domandi tas-soċjetà għall-ikel u għas-saħħa, inkluż ikel sikur, nutrittiv u sostenibbli, kif ukoll il-benessri tal-annimali

### (i) Domandi tas-soċjetà fuq l-ikel u s-saħħa

L-aspettattivi tas-soċjetà qed isawru l-iżviluppi tas-swieq tal-ikel f'termini ta' saħħa, benessri tal-annimali, tibdil fil-klima u tħassib ambjentali, filwaqt li jħarsu wkoll lejn il-konvenjenza. Dan it-tħassib jirrappreżenta opportunità biex jiġu sfruttati opportunitajiet ta' sistemi ta' produzzjoni alternattivi bħal prodotti lokali, organiċi, jew prodotti ċċertifikati oħrajn, li d-domanda għalihom qiegħa dejjem tikber. Madankollu, minħabba stili ta' ħajja mimlija ħafna, ġiet irreġistrata żieda fix-xiri ta' ikliet lesti, ikliet ħfief u ikel għal meta wieħed jivvjaġġa, li mhux dejjem huma kompatibbli mal-fatturi deskritti hawn fuq[106]. Barra minn hekk, f'Malta, minħabba l-urbanizzazzjoni u l-globalizzazzjoni tax-xejriet tal-konsum tal-ikel fost il-popolazzjoni Maltija evolvew matul dawn l-aħħar għexieren ta' snin. Hemm varjetà akbar ta' ikel disponibbli, u d-drawwiet djetetiċi ma għadhomx jikkorrispondu mad-dieta tradizzjonali Mediterranja. Stħarriġ nazzjonali dwar il-konsum tal-ikel li sar fl-2010 ħareġ fid-dieher li l-adulti Maltin għandhom it-tendenza li jikkunsmaw ammonti kbar ta' għaġin u ħelu[107]. Għall-kuntrarju, skont l-aħħar stħarriġ, wieħed minn kull għaxar persuni li għandhom aktar minn 16-il sena jew kellu xi inabbiltà jew inabbiltà serja li jiflaħ iħallas ikla tiġieġ, ħut, jew ekwivalenti veġetarjana fl-2018[108]. Il-proporzjon kien saħansitra ogħla (13,8 %) fost il-persuni ta' bejn il-55 u l-64 sena. Madankollu, il-konsum stmat tal-laħam aħmar[109] huwa għoli ħafna. Malta għandha piż kbir minn mard mhux komunikabbli minħabba fatturi ta' riskji tad-dieta espressi bħala s-Sena tal-Ħajja Aġġustata għad-Diżabbiltà DALYs) għal kull 100 000 popolazzjoni attribwibbli għad-dieta[110]. Il-valur tad-DALY huwa influwenzat minn għadd ta' fatturi tad-dieta.  Barra minn hekk, parti kbira ħafna tal-popolazzjoni ta' Malta tbati minn piż żejjed jew obeżità[111]. Id-*data* statistika rrapportat li f'Malta, ir-rati ta' piż żejjed bħalissa huma ta' 62,2 %[112]. Fir-rigward tal-obeżità, in-numru huwa ta' 25,7 %. Dawk il-perċentwali huma saħansitra

ogħla fost it-tfal[113]. Malta għandha Politika Nazzjonali dwar l-Ikel u n-Nutrizzjoni (2015 -2020) li ssegwi s-saħħa filwaqt li tnaqqas il-piż tal-mard relatat mal-ikel u ttejjeb il-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi[114]. Jenħtieġ li l-isforzi jiffukaw fuq il-bidla lejn dieti sostenibbli tajbin għas-saħħa, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet nazzjonali sabiex jikkontribwixxu għat-tnaqqis tar-rati ta' piż żejjed u tal-obeżità u l-inċidenza ta' mard mhux komunikabbli filwaqt li fl-istess ħin itejbu l-impatt ambjentali ġenerali tas-sistema tal-ikel. Dan ikun jinkludi l-bidla lejn dieta aktar ibbażata fuq il-pjanti b'inqas laħam aħmar u aktar frott u ħxejjex, grani sħaħ, legumi, ġewż u żrieragħ.

**(ii) Reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR)**

Malta għandha strateġija komprensiva tal-AMR[115] li tistabbilixxi firxa ta' għanijiet strateġiċi u azzjonijiet speċifiċi li jipprovdu bażi soda għall-isforzi nazzjonali fil-ġlieda kontra l-AMR. Il-prinċipju ta' gwida li jmexxi l-Istrateġija huwa dak ta' "Saħħa Waħda". Dan il-prinċipju jirrikonoxxi r-rabta mill-qrib bejn il-bnedmin, l-annimali u l-ambjent u jenfasizza li l-kisba tal-aħjar riżultati tas-saħħa għan-nies u għall-annimali tirrikjedi l-kollaborazzjoni u l-kooperazzjoni bejn is-setturi tas-saħħa tal-bniedem, tas-saħħa tal-annimali u tal-ambjent.

Ir-rapport tad-DĠ SANTE dwar l-Istrateġija Magħquda għat-theddid tal-AMR fi żjara fil-pajjiż li twettqet mal-ECDC fl-2017[116] jikkonkludi li l-istrateġija tal-AMR tista' bbenefika minn aktar konsultazzjonijiet u involviment ta' organizzazzjonijiet rilevanti mis-setturi veterinarji u ambjentali. Mil-lat veterinarju, dan wera nuqqasijiet notevoli kemm fir-rigward tal-kapaċità ta' monitoraġġ tal-livelli tal-AMR fil-qasam veterinarju kif ukoll, aktar importanti, fir-rigward tad-distribuzzjoni u tal-użu tal-antimikrobiċi. Dawn in-nuqqasijiet, li dehru aktar aggravati minn nuqqas ta' veterinarji, jillimitaw l-għarfien dwar is-sitwazzjoni f'Malta u jimminaw serjament il-kapaċità li jiġi żgurat li l-antimikrobiċi jintużaw b'mod prudenti u biss meta jitqies meħtieġ minn veterinarju. Madankollu kien hemm indikazzjonijiet li l-bdiewa u l-veterinarji kienu dejjem aktar konxji ta' kwistjonijiet relatati mal-AMR u kienu qed jittieħdu passi biex l-antimikrobiċi jintużaw b'mod aktar prudenti; madankollu kien hemm potenzjal konsiderevoli biex dawn l-isforzi jiġu appoġġati u mħeġġa aktar. Fl-2018, il-bejgħ tal-antimikrobiċi f'Malta espress f'milligrammi għal kull unità ta' korrezzjoni tal-popolazzjoni (mg/PCU) ammonta għal 150,9 mg/PCU, ferm ogħla mill-medja tal-UE (118,3 mg/PCU)[117].

Għas-saħħa tal-annimali, id-*data* dwar is-sorveljanza tal-AMR tibqa' estremament skarsa u ristretta għal sett limitat ħafna ta' iżolati ttestjati kull sena fil-Laboratorju Veterinarju Nazzjonali, f'konformità mar-rekwiżiti minimi tal-UE. Anke minn din l-informazzjoni limitata, jidher li r-reżistenza għall-antimikrobiċi fl-annimali hija problema sinifikanti[118].

Fis-saħħa tal-bniedem, id-*data* tissuġġerixxi li l-isfidi l-kbar huma possibbilment minħabba kultura ta' antimikrobiċi li jingħataw bi preskrizzjoni b'mod eċċessiv kif ukoll minħabba li t-tobba jaderixxu mad-domandi tal-pazjenti. Filwaqt li l-użu mingħajr preskrizzjoni ta' antimikrobiċi naqas drastikament tul dawn l-aħħar għaxar snin (minn aktar minn 18 % fl-2002 għal madwar 1 % tal-użu totali kif irrapportat mill-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2016), l-istess ma jistax jingħad għal preskrizzjoni mhux xierqa.

**(iii) Azzjonijiet dwar il-benessri tal-annimali**

Il-benessri tal-annimali huwa vitali għas-sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel. Fir-rigward tal-benessri tal-annimali, il-kwistjoni ewlenija f'Malta hija li l-qtugħ tad-denb tal-ħnieżer huwa prattika ta' rutina, għalkemm dan huwa pprojbit bħala miżura ta' rutina mir-regoli tal-UE. Il-perċentwal ta' ħnieżer imrobbija bi dnub intatti bilkemm inbidel mill-2016 u l-kundizzjonijiet fl-azjenda agrikola jridu jitjiebu jekk l-għadd ta' ħnieżer b'denb maqtugħ irid jibda jonqos.

**(iv) Użu sostenibbli tal-pestiċidi**

L-użu tal-pestiċidi f'Malta jsegwi l-mudell tipiku tal-klima Mediterranja. L-applikazzjonijiet tal-erbiċida jintużaw l-aktar fil-bidu tal-istaġun tax-xita, li jibda f'Settembru, meta ż-żerriegħa tal-

ħaxix ħażin tibda tinbet. It-trattament bl-erbiċidi laħaq l-ogħla livell tiegħu f'Jannar filwaqt li l-kundizzjonijiet xotti fl-istaġun ta' April/Settembru ttardjaw it-tkabbir tal-ħaxix ħażin. L-użu tal-fungiċida seħħ matul l-istaġun kollu, bil-perjodu ewlieni tal-applikazzjoni jseħħ minn April sa Lulju, u laħaq l-ogħla livell tiegħu f'Ġunju. Fl-2014, skont l-Istħarriġ dwar l-Użu tal-Pestiċidi, imwettaq mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO), iż-żona ttrattata bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kienet tammonta għal 4 071,8 ettaru jew 44,4 % taż-żona mistħarrġa. B'sehem akbar taż-żona ttrattata għall-ħxejjex u l-patata (aktar minn 90 %), id-dwieli (86 %), il-frott tal-għadma (78 %) u ċ-ċitru (45 %)[119].

L-indikatur tar-riskju armonizzat 1 (HRI1) juri tnaqqis ta' 19 % fir-riskji relatati mal-użu tal-pestiċidi fl-2018, meta mqabbel mal-perjodu ta' referenza 2011-2013. Għalkemm dan it-tnaqqis fir-riskju kien ftit ogħla mill-medja tal-UE ta' 17 %, l-użu ta' pestiċidi aktar perikolużi (kandidati għas-sostituzzjoni) kien għoli u żdied bħala perċentwal tal-bejgħ totali tal-pestiċidi.

